

I

(Atti li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obligatorja)

REGOLAMENT (KE) Nru 336/2006 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tal-15 ta' Frar 2006

dwar l-implimentazzjoni tal-Kodiċi Internazzjonali dwar l-Amministrazzjoni tas-Sigurtà fi ħdan il-Komunità u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3051/95

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 80 (2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ⁽¹⁾,

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ⁽²⁾

Billi:

(1) Il-Kodiċi Internazzjonali dwar l-Amministrazzjoni għat-Tħaddim Sigur ta' Vapuri u għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Kodiċi ISM", ġie adottat mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO) fl-1993. Dan il-kodiċi gradwalment sar obligatorju għall-biċċa l-kbira tal-vapuri li jbaħħru fuq vjaġġi internazzjonali bl-adozzjoni f'Mejju ta' l-1994 tal-Kapitolu IX "Amministrazzjoni għat-Tħaddim Sigur ta' Vapuri" tal-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Sigurtà tal-Ħajja fuq il-Baħar, 1974 (SOLAS).

(2) Il-Kodiċi ISM ġie emendat mill-IMO permezz tar-Riżoluzzjoni MSC.104 (73), adottata fil-5 ta' Diċembru 2000.

(3) Linji Gwida dwar l-implimentazzjoni tal-Kodiċi ISM mill-Amministrazzjonijiet ġew adottati bir-Riżoluzzjoni A.788(19) ta' l-IMO fit-23 ta' Novembru 1995. Dawn il-Linji Gwida ġew emendati bir-Riżoluzzjoni A.913 (22), adottata fid-29 ta' Novembru 2001.

(4) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3051/95 tat-8 ta' Diċembru 1995 dwar l-amministrazzjoni tas-sigurtà ta' vapuri tal-passiġġieri roll-on/roll-off (vapuri ro-ro) ⁽³⁾ għamel il-Kodiċi ISM obligatorju fuq il-livell Komunitarju b'effett mill-1 ta' Lulju 1996 għall-vapuri tal-passiġġieri ro-ro kollha li joperaw fuq servizz regolari minn u lejn portijiet ta' l-Istati Membri, sew fuq vjaġġi domestiċi kif ukoll fuq dawk internazzjonali u irrispettivament mill-bandiera tagħhom. Dan kien l-ewwel pass biex tiġi żgurata implimentazzjoni uniformi u koerenti tal-Kodiċi ISM fl-Istati Membri kollha.

(5) Fl-1 ta' Lulju 1998 il-Kodiċi ISM sar obligatorju taħt id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu IX tas-SOLAS għal kumpanniji li joperaw vapuri tal-passiġġieri, inklużi inġenji ta' veloċità kbira tal-passiġġieri, tankers taż-żejt, tankers tal-kimiċi, vapuri tal-gass, vapuri ta' merkanzija mhux ippakkjata u vapuri ta' veloċità kbira ta' tunnellaġġ gross ta' 500 u aktar, fuq vjaġġi internazzjonali.

(6) Fl-1 ta' Lulju 2002, il-Kodiċi ISM sar obligatorju għal kumpanniji li joperaw vapuri oħra tal-merkanzija u unitajiet mobbli ta' tħaffir fuq il-baħar ta' tunnellaġġ gross ta' 500 u aktar, fuq vjaġġi internazzjonali.

(7) Is-sigurtà tal-ħajja tal-bnedmin fuq il-baħar u l-protezzjoni ta' l-ambjent jistgħu jiġu mtejbja b'mod effettiv billi l-Kodiċi ISM jiġi applikat b'mod strett u fuq bażi obligatorja.

(8) Ikun tajjeb li jiġi applikat direttament il-Kodiċi ISM għal vapuri li jtajru l-bandiera ta' xi Stat Membru kif ukoll għal vapuri, irrispettivament mill-bandiera tagħhom, impenjati esklużivament fuq vjaġġi domestiċi jew fuq servizz ta' tbaħħir regolari li jopera minn jew lejn portijiet ta' l-Istati Membri.

⁽¹⁾ ĠU C 302, 7.12.2004, p. 20.

⁽²⁾ Opinjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-10 ta' Marzu 2004 (ĠU C 102 E, 28.4.2004, p. 565) Posizzjoni Komuni tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2005 (ĠU C 264 E, 25.10.2005, p. 28) u Posizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2005 (għandha mhix publikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽³⁾ ĠU L 320, 30.12.1995, p. 14. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2099/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 324, 29.11.2002, p. 1).

(9) L-adozzjoni ta' Regolament ġdid b'applikabbiltà diretta għandha tiżgura l-infurzar tal-Kodiċi ISM bl-intendiment li jitħalla fidejn l-Istati Membri biex jiddeċiedu jekk jimplimentawx il-Kodiċi għal vapuri, irrispettivament mill-bandiera tagħhom, li joperaw esklużivament f'żoni ta' portijiet.

(10) Konsegwentement ir-Regolament (KE) Nru 3051/95 għandu jiġi mħassar.

(11) Jekk xi Stat Membru jqis li huwa diffiċli biex fil-prattika kumpanniji jissodisfaw id-disposizzjonijiet speċifiċi tal-Parti A tal-Kodiċi ISM għal ċerti vapuri jew kategoriji ta' vapuri impenjati esklużivament fuq vjaġġi domestiċi f'dak l-Istat Membru, huwa jista' jidderoga għal kollox jew parzjalment minn dawk id-disposizzjonijiet billi jimponi miżuri li jiżguraw li l-għanijiet tal-Kodiċi jintlaħqu b'mod ekwivalenti. Huwa jista', għal tali vapuri u kumpanniji, jistabbilixxi proċeduri alternattivi ta' ċertifikazzjoni u verifika.

(12) Jinħtieġ li jittieħed kont tad-Direttiva tal-Kunsill 95/21/KE tad-19 ta' Ġunju 1995 dwar il-kontroll portwali ta' l-Istat ⁽¹⁾.

(13) Jinħtieġ ukoll li jittieħed kont tad-Direttiva tal-Kunsill 94/57/KE tat-22 ta' Novembru 1994 dwar regoli u standards komuni għal organizzazzjonijiet ta' spezzjoni u sorveljanza ta' vapuri u għall-attivitajiet rilevanti ta' amministrazzjonijiet marittimi ⁽²⁾, sabiex jiġu stabbiliti l-organizzazzjonijiet rikonoxxuti għall-iskop ta' dan ir-Regolament, u tad-Direttiva tal-Kunsill 98/18/KE tas-17 ta' Marzu 1998 dwar ir-regoli u n-normi ta' sigurtà għal vapuri tal-passiġġieri ⁽³⁾, bl-iskop li jiġi stabbilit il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fir-rigward ta' vapuri tal-passiġġieri impenjati fi vjaġġi domestiċi.

(14) Il-miżuri meħtieġa għall-emendar ta' l-Anness II għandhom jiġu adottati f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni ⁽⁴⁾ ;

(15) Peress li l-għanijiet ta' dan ir-Regolament, jiġifieri t-titjib ta' l-amministrazzjoni tas-sigurtà u t-tħaddim sigur tal-vapuri kif ukoll il-prevenzjoni tat-tniġġis mill-vapuri, ma jistgħux jintlaħqu b'mod sodisfaċenti mill-Istati Membri u jistgħu għalhekk jintlaħqu aħjar fil-livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri, skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit fl-Artikolu 5

tat-Trattat, dan ir-Regolament ma jmurx lil' hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu dak il-għan

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Għan

L-għan ta' dan ir-Regolament hu li tittejjeb l-amministrazzjoni tas-sigurtà u t-tħaddim sigur tal-vapuri kif ukoll il-prevenzjoni ta' tniġġis minn vapuri msemija fl-Artikolu 3(1), billi jiġi żgurat li l-kumpanniji li jħaddmu dawk il-vapuri jikkonformaw mal-Kodiċi ISM permezz ta':

- l-istabbiliment, l-implimentazzjoni u l-manutenzjoni xierqa minn kumpanniji tas-sistemi ta' amministrazzjoni tas-sigurtà abbord u fuq ix-xatt; u,
- il-kontroll tagħhom mill-amministrazzjonijiet ta' l-Istat tal-bandiera u tal-port.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-iskop ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- "Il-Kodiċi ISM" tfisser il-Kodiċi Internazzjonali dwar l-Amministrazzjoni għat-Tħaddim Sigur tal-Vapuri u għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis, adottat mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali permezz tar-Riżoluzzjoni ta' l-Assemblea A.741 (18) ta' l-4 ta' Novembru 1993, kif emendata bir-Riżoluzzjoni MSC.104 (73) tal-5 ta' Diċembru 2000 tal-Kumitat tas-Sigurtà Marittima u stabbilit fl-Anness I ta' dan ir-Regolament, fil-verżjoni aġġornata tagħha;
- "Organizzazzjoni rikonoxxuta" tfisser korp rikonoxxut skond id-Direttiva 94/57/KE;
- "Kumpannija" tfisser is-sid tal-vapur jew kwalunkwe organizzazzjoni jew persuna oħra bħall-manijer jew il-kerrej tal-vapur bla ekwipaġġ, li jkun ħa responsabbiltà għat-tħaddim tal-vapur mingħand sid il-vapur u li meta assumu tali responsabbiltà jkun aċċetta li jieħu fidejn id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet kollha imposti mill-Kodiċi ISM;
- "Vapur tal-passiġġieri" tfisser vapur, inkluż ingenu ta' veloċità kbira, li jgħorr aktar minn tnaix-il passiġġier, jew ingenu sommerġibbli tal-passiġġieri;

⁽¹⁾ ĠU L 157, 7.7.1995, p 1. Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 2002/84/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 324, 29.11.2002, p. 53).

⁽²⁾ ĠU L 319, 12.12.1994, p 20. Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 2002/84/KE.

⁽³⁾ ĠU L 144, 15.5.1998, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2003/75/KE (ĠU L 190, 30.7.2003, p. 6).

⁽⁴⁾ ĠU L 184, 17.7.1999, p 23.

- (5) "Passiġġier" tfisser kull persuna għajr:
- (a) il-kaptan u l-membri ta' l-ekwipaġġ jew xi persuni oħra impjegati jew imqabbdha fi kwalunkwe kapaċità abbord vapur fuq ix-xogħol ta' dak il-vapur; u
 - (b) tfal taħt l-età ta' sena;
- (6) "Inġenju ta' veloċità kbira" tfisser inġenju ta' veloċità kbira kif definit fir-Regolament X-1/2 tas- SOLAS, fil-verżjoni aġġornata tagħha. Għal inġenji ta' veloċità kbira tal-passiġġieri, għandhom japplikaw il-limitazzjonijiet fil-kamp ta' applikazzjoni indikati fl-Artikolu 2(f) tad-Direttiva 98/18/KE;
- (7) "Vapur tal-merkanzija" tfisser vapur, inkluż inġenju ta' veloċità kbira, li mhux vapur tal-passiġġieri;
- (8) "Vjaġġ internazzjonali" tfisser vjaġġ bil-baħar minn port ta' Stat Membru jew kwalunkwe Stat ieħor lejn port barra minn dak l-Istat, jew viċi versa;
- (9) "Vjaġġ domestiku" tfisser vjaġġ f'żoni tal-baħar minn port ta' Stat Membru għall-istess port jew għal port ieħor li jinsab f'dak l-Istat Membru;
- (10) "Servizz ta' tbaħħir regolari" tfisser sensiela ta' traġitti bil-vapur imħaddma sabiex iservu t-traffiku bejn l-istess żewġ punti jew aktar, kemm:
- (a) skond skeda tal-ħin ippubblikata; jew
 - (b) bi vjaġġi tant regolari jew frekwenti li jikkostitwixxu sensiela sistematika rikonoxxibbli;
- (11) "Vapur tal-passiġġieri ro-ro" tfisser bastiment tal-baħar tal-passiġġieri kif definit fil-Kapitolu II-1 tas-SOLAS, fil-verżjoni aġġornata tagħha;
- (12) "Inġenju sommerġibbli tal-passiġġieri" tfisser bastiment mobbli li jgħorr il-passiġġieri, li primarjament jaħdem taħt l-ilma u jiddependi minn sostenn minn wiċċ l-ilma, Bħal vapur tal-wiċċ jew faċilitajiet ibbażati fix-xatt, għas-sorveljanza u għal waħda jew aktar minn dawn li ġejjin:
- (a) rikariku tal-provvista ta' l-enerġija;
 - (b) rikariku ta' l-arja bi pressjoni għolja;
 - (ċ) rikariku tal-mezzi ta' sostenn tal-ħajja;
- (13) "Unità mobbli ta' tħaffir fuq il-baħar" tfisser bastiment li kapaċi jaħdem f'operazzjonijiet ta' tħaffir għall-esplorazzjoni jew għall-isfruttament ta' riżorsi taħt qiegħ il-baħar bħall-idrokarboni, il-kubrit jew il-melħ;

- (14) "Tunnellaġġ gross" tfisser it-tunnellaġġ gross ta' vapur determinat skond il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Kejl tat-Tunnellaġġ tal-Vapuri, 1969 jew, fil-każ ta' vapuri impenjati esklużivament fi vjaġġi domestiċi u mhux imkejjel skond il-konvenzjoni msemmija, it-tunnellaġġ gross tal-vapur determinat skond id-disposizzjonijiet ta' regolamenti nazzjonali eżistenti għall-kejl tat-tunnellaġġ.

Artikolu 3

Kamp ta' Applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament għandu japplika għat-tipi ta' vapuri segwenti u għall-kumpanniji li jħaddmuhom:

- (a) vapuri tal-merkanzija u dawk tal-passiġġieri, li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru, impenjati fuq vjaġġi internazzjonali;
- (b) vapuri tal-merkanzija u dawk tal-passiġġieri impenjati esklużivament fuq vjaġġi domestiċi, irrISPettivament mill-bandiera tagħhom;
- (ċ) vapuri tal-merkanzija u dawk tal-passiġġieri li joperaw minn jew lejn portijiet ta' l-Istati Membri, fuq servizz regolari ta' tbaħħir, irrISPettivament mill-bandiera tagħhom;
- (d) unitajiet mobbli ta' tħaffir fuq il-baħar, li joperaw taħt l-awtorità ta' Stat Membru.

2. Dan ir-Regolament m' għandux japplika għat-tipi ta' vapuri li ġejjin jew għall-kumpanniji li jħaddmuhom:

- (a) vapuri tal-gwerra u dawk ta' truppi u vapuri oħra li huma proprjetà ta' jew imħaddma minn Stat Membru u li jintużaw biss fuq servizz mhux kummerċjali tal-gvern;
- (b) vapuri mhux imħaddma b'mezzi mekkaniċi, vapuri ta' l-injam ta' għamla primittiva, jottijiet u inġenji tad-divertiment, ħlief jekk dawn ikunu jew ser ikunu ekwipaġġati u jgħorru aktar minn 12-il passiġġier għal skopijiet kummerċjali;
- (ċ) bastimenti tas-sajd;
- (d) vapuri tal-merkanzija u unitajiet mobbli ta' tħaffir fuq il-baħar ta' tunnellaġġ gross ta' inqas minn 500;
- (e) vapuri tal-passiġġieri, minbarra vapuri tal-passiġġieri ro-ro, f'żoni ta' baħar ta' Klassi C u D kif definit fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 98/18/KE.

*Artikolu 4***Konformità**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kumpanniji kollha li joperaw vapuri li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ikunu konformi mad-disposizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 5***Rekwiżiti ta' amministrazzjoni tas-sigurtà**

Il-vapuri msemija fl-Artikolu 3(1) u l-kumpanniji li joperawhom għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-Parti A tal-Kodiċi ISM.

*Artikolu 6***Ċertifikazzjoni u verifika**

Għall-għanijiet ta' ċertifikazzjoni u verifika, l-Istati Membri għandhom jikkonformaw mad-disposizzjonijiet tal-Parti B tal-Kodiċi ISM.

*Artikolu 7***Deroga**

1. Stat Membru jista', jekk iqisha diffiċli biex fil-prattika l-kumpanniji jikkonformaw mal-paragrafi 6, 7, 9, 11 u 12 tal-Parti A tal-Kodiċi ISM għal ċerti vapuri jew kategoriji ta' vapuri impenjati esklużivament fuq vjaġġi domestiċi f'dak l-Istat Membru, jidderoga għal kollox jew parzjalment minn dawk id-disposizzjonijiet billi jimponi miżuri li jiżguraw li l-għanijiet tal-Kodiċi jintlaħqu b'mod ekwivalenti.

2. Stat Membru jista', għal vapuri u kumpanniji li għalihom ġiet adottata deroga bis-saħħa tal-paragrafu 1, jekk iqisha diffiċli biex fil-prattika japplika ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 6, jistabbilixxu proċeduri alternattivi ta' ċertifikazzjoni u verifika.

3. Fiċ-ċirkostanzi stabbiliti fil-paragrafu 1 u, jekk applikabbli, fil-paragrafu 2, għandha tapplika l-proċedura li ġejja:

- (a) L-Istat Membru konċernat għandu jinnotifika lill-Kummissjoni dwar id-deroga u dwar il-miżuri li bi ħsieb jadotta;
- (b) jekk, fi żmien sitt xhur minn notifika, jiġi deċiż, skond il-proċedura msemija fl-Artikolu 12(2), li d-deroga proposta mhix ġustifikata jew li l-miżuri proposti m'humiex suffiċjenti, tali Stat Membru għandu jintalab jemenda jew joqgħod lura milli jadotta d-disposizzjonijiet proposti;

- (ċ) l-Istat Membru għandu jagħmel pubbliċi kwalunkwe miżuri adottati b'referenza diretta għall-paragrafu 1 u, jekk applikabbli, għall-paragrafu 2.

4. Wara li ssir deroga taħt il-paragrafu 1 u, jekk applikabbli, il-paragrafu 2 l-Istat Membru konċernat għandu jorhrog ċertifikat skond it-tieni subparagrafu ta' l-Anness II.V, Parti B, Taqsima 5, li jindika l-limitazzjonijiet operattivi applikabbli.

*Artikolu 8***Validità, aċċettazzjoni u rikonossiment ta' ċertifikati**

1. Id-Dokument ta' Konformità għandu jibqa' validu sa żmien ħames snin mid-data tal-ħruġ tiegħu. Iċ-Ċertifikat ta' l-Amministrazzjoni tas-Sigurtà għandu jibqa' validu sa żmien ħames snin mid-data tal-ħruġ tiegħu.

2. F'każijiet ta' tiġdid tad-Dokument ta' Konformità u taċ-Ċertifikat ta' l-Amministrazzjoni tas-Sigurtà, għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet rilevanti tal-Parti B tal-Kodiċi ISM.

3. L-Istati Membri għandhom jaċċettaw Dokumenti ta' Konformità, Dokumenti Interim ta' Konformità, Ċertifikati ta' l-Amministrazzjoni tas-Sigurtà u Ċertifikati Interim ta' l-Amministrazzjoni tas-Sigurtà maħruġ mill-amministrazzjoni ta' kwalunkwe Stat Membru ieħor jew fisem din l-amministrazzjoni minn Organizzazzjoni Rikonossuta.

4. L-Istati Membri għandhom jaċċettaw Dokumenti ta' Konformità, Dokumenti Interim ta' Konformità, Ċertifikati ta' l-Amministrazzjoni tas-Sigurtà u Ċertifikati Interim ta' l-Amministrazzjoni tas-Sigurtà maħruġa minn, jew fisem, l-amministrazzjonijiet ta' pajjiżi terzi.

Madankollu, għal vapuri impenjati fuq servizz regolari ta' tbaħħir, il-konformità mal-Kodiċi ISM tad-Dokumenti ta' Konformità, id-Dokumenti Interim ta' Konformità, Iċ-Ċertifikati ta' l-Amministrazzjoni tas-Sigurtà u ċ-Ċertifikati Interim ta' l-Amministrazzjoni tas-Sigurtà, maħruġa fisem l-amministrazzjonijiet ta' pajjiżi terzi, għandha tiġi verifikata, bi kwalunkwe mezz adattat, minn jew fisem l-Istat(i) Membru (i) konċernat(i) ħlief jekk dawn inħarġu mill-amministrazzjoni ta' Stat Membru jew minn Organizzazzjoni Rikonossuta.

*Artikolu 9***Pieni**

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar pjeni applikabbli għal ksur ta' dan ir-Regolament u għandhom jiehd u l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-pieni provduti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissuważivi.

*Artikolu 10***Rapportar**

1. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni kull sentejn dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.
2. Il-Kummissjoni għandha, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 12(2), tistabbilixxi kampjun ta' formola armonizzata għal tali rapporti.
3. Il-Kummissjoni għandha, bl-għajnuna ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima u fi żmien sitt xhur wara li tkun irċeviet ir-rapporti mill-Istati Membri, tħejji rapport konsolidat li jikkonċerna l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament flimkien ma' kwalunkwe miżuri proposti, jekk ikun xieraq. Dan ir-rapport għandu jiġi indirizzat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

*Artikolu 11***Emendi**

1. Emendi tal-Kodiċi ISM jistgħu jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament skond l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 2099/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi Kumitat għal Ibħra Siguri u l-Prevenzjoni ta' Tniġġis mill-Vapuri (COSS) ⁽¹⁾.
2. Kwalunkwe emenda għal Anness II għandha ssir skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 12(2).

*Artikolu 12***Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat għal Ibħra Siguri u l-Prevenzjoni ta' Tniġġis mill-Vapuri

(COSS) stabbilit bl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 2099/2002.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom japplikaw, wara li jiġu kkunsidrati d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

Il-perijodu stipulat fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi stabbilit għal xahrejn.

3. Il-Kumitat għandu jadotta ir-Regoli ta' Proċedura tiegħu.

*Artikolu 13***Revoka**

1. Ir-Regolament (KE) Nru 3051/95 għandu jkun imħassar b'effett mill-24 ta' Marzu 2006.

2. Dokumenti Interim ta' Konformità, Ċertifikati Interim ta' l-Amministrazzjoni tas-Sigurtà, Dokumenti ta' Konformità u Ċertifikati ta' l-Amministrazzjoni tas-Sigurtà maħruġa qabel 24 ta' Marzu 2006 Id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. għandhom jibqgħu validi sakemm jiskadu jew sa l-approvazzjoni li jkun imiss.

*Artikolu 14***Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Għal dak li jikkonċerna vapuri tal-merkanzija u tal-passiġġieri, li m'humiex diġà meħtieġa li jikkonformaw mal-Kodiċi ISM, dan ir-Regolament għandu japplika mill-24 ta' Marzu 2008 Sentejn wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament..

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

(1) Magħmul fi Strasburgu, 15 ta' Frar 2006

Għall-Parlament Ewropew
Il-President
 J. BORELL FONTELLES

Għall-Kunsill
Il-President
 H. WINKLER

⁽¹⁾ ĠU L 324, 29.11.2002, p. 1. Regolament kif emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 415/2004 (ĠU L 68, 6.3.2004, p. 10).

ANNEX I

Kodiċi Internazzjonali dwar l-Amministrazzjoni għat-Tħaddim Sigur ta' Vapuri u għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis (Kodiċi Internazzjonali dwar l-Amministrazzjoni tas-Sigurtà (ISM))

Parti A Implimentazzjoni

1. Ġenerali
 - 1.1. Definizzjonijiet
 - 1.2. Għanijiet
 - 1.3. Applikazzjoni
 - 1.4. Rekwiżiti funzjonali għal sistema ta' amministrazzjoni tas-sigurtà (SMS)
2. Politika dwar is-sigurtà u l-protezzjoni ambjentali
3. Responsabbiltajiet u awtorità tal-kumpannija
4. Persuna/i nominati
5. Responsabbiltà u awtorità tal-kaptan
6. Riżorsi u persunal
7. Żviluppi ta' pjani għal operazzjonijiet abbord
8. Stat ta' thejġija għall-emerġenzi
9. Rapporti u analiżi dwar non-konformitajiet, inċidenti u okkorrenzi perikolużi
10. Manutenzjoni tal-vapur u tat-tagħmir
11. Dokumentazzjoni
12. Verifika tal-Kumpannija, reviżjoni u evalwazzjoni

Parti B – Ċertifikazzjoni u Verifika

13. Ċertifikazzjoni u Verifika perijodika
14. Ċertifikazzjoni Interim
15. Verifika
16. Forom taċ-ċertifikati

**KODIĊI INTERNAZZJONALI DWAR L-AMMINISTRAZZJONI GĦAT-TĦADDIM SIGUR TA' VAPURI
U GĦALL-PREVENZJONI TAT-TNIĠĠIS**

(KODIĊI INTERNAZZJONALI DWAR L-AMMINISTRAZZJONI TAS-SIGURTÀ (ISM))

PARTI A – IMPLIMENTAZZJONI

1. Ġenerali

1.1 Definizzjonijiet

Id-definizzjonijiet li ġejjin japplikaw għall-partijiet A u B ta' dan il-Kodiċi.

- 1.1.1. "Kodiċi Internazzjonali dwar l-Amministrazzjoni tas-Sigurtà (ISM)" tfisser il-Kodiċi Internazzjonali dwar l-Amministrazzjoni għat-Tħaddim Sigur tal-Vapur u għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis kif adottat mill-Assemblea, kif jista' jiġi emendat mill-Organizzazzjoni.
- 1.1.2. "Kumpannija" tfisser is-sid tal-vapur jew kwalunkwe organizzazzjoni jew persuna oħra bħall-amministratur jew il-kerrej tal-vapur bla ekwipaġġ, li jkun assumu r-responsabbiltà għat-tħaddim tal-vapur mingħand sid il-vapur u li meta assumu tali responsabbiltà jkun qabel li jieħdu f'idejha id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet kollha imposti mill-Kodiċi.
- 1.1.3. "Amministrazzjoni" tfisser il-gvern ta' l-Istat li l-vapur huwa intitolat itajjar il-bandiera tiegħu.
- 1.1.4. "Sistema għall-Amministrazzjoni tas-Sigurtà" tfisser sistema strutturata u dokumentata li tippermetti lill-persunal tal-Kumpannija jimplimenta b'mod effettiv il-politika tas-sigurtà u ta' protezzjoni ta' l-ambjent tal-Kumpannija.
- 1.1.5. "Dokument ta' Konformità" tfisser dokument maħruġ lil xi Kumpannija li jikkonforma mal-ħtiġiet ta' dan il-Kodiċi.
- 1.1.6. "Ċertifikat ta' l-Amministrazzjoni tas-Sigurtà" tfisser dokument maħruġ lil vapur li juri li l-Kumpannija u l-amministrazzjoni tagħha abbord il-vapur joperaw skond is-sistema approvata ta' l-amministrazzjoni tas-sigurtà.
- 1.1.7. "Evidenza oġġettiva" tfisser informazzjoni kwantitattiva jew kwalitattiva, dokumentazzjonijiet jew stqarrijiet ta' fatt dwar is-sigurtà jew dwar l-eżistenza u l-implimentazzjoni ta' element tas-sistema ta' l-amministrazzjoni tas-sigurtà, li hija bbażata fuq osservazzjoni, kejl jew test u li tista' tiġi verifikata.
- 1.1.8. "Osservazzjoni" tfisser dikjarazzjoni ta' fatt magħmula waqt verifika ta' l-amministrazzjoni tas-sigurtà u sostanzjata b'evidenza oġġettiva.
- 1.1.9. "Non-konformità" tfisser sitwazzjoni osservata fejn evidenza oġġettiva tindika li ma twettaqx xi rekwiżit speċifiku.
- 1.1.10. "Non-konformità maġġuri" tfisser devjazzjoni identifikabbli li tippreżenta theddida serja għas-sigurtà tal-persunal jew tal-vapur jew riskju serju għall-ambjent li teħtieġ azzjoni korrettiva immedjata u tinkludi n-nuqqas ta' implimentazzjoni effettiva u sistematika ta' xi rekwiżit ta' dan il-Kodiċi.
- 1.1.11. "Data ta' l-anniversarju" tfisser il-jum u x-xahar ta' kull sena li tikkorrispondi mad-data ta' l-iskadenza tad-dokument jew taċ-ċertifikat rilevanti.
- 1.1.12. "Konvenzjoni" tfisser il-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Sigurtà tal-Ħajja fuq il-Baħar, 1974 kif emendata.

1.2. *Għanijiet*

1.2.1 L-għanijiet tal-Kodiċi huma li tiġi żgurata s-sigurtà fuq il-baħar, il-prevenzjoni ta' korriment jew telf ta' ħajja ta' bnedmin, u li tiġi evitata l-ħsara lill-ambjent, b'mod partikolari, lill-ambjent marittimu, u lill-proprietà.

1.2.2. L-għanijiet ta' l-amministrazzjoni tas-sigurtà tal-Kumpannija għandhom, inter alia:

1.2.2.1. jipprovdur għal prattiki siguri fit-tħaddim tal-vapuri u ambjent ta' xogħol sigur;

1.2.2.2. jistabbilixxu salvagwardji kontra r-riskji kollha identifikati; u

1.2.2.3. kontinwament itejbu l-ħiliet amministrattivi ta' sigurtà tal-persunal fuq ix-xatt u abbord il-vapuri, inkluża t-tħejija għal emerġenzi relatati kemm mas-sigurtà kif ukoll mal-protezzjoni ta' l-ambjent.

1.2.3. Is-sistema ta' l-amministrazzjoni tas-sigurtà għandha tiżgura:

1.2.3.1. konformità mar-regoli u r-regolamenti mandatorji; u

1.2.3.2. li jittieħed kont tal-kodiċi, il-linji gwida u l-istandards applikabbli rrikmandati mill-Organizzazzjoni, minn amministrazzjonijiet, minn soċjetajiet ta' klassifikazzjoni u minn organizzazzjonijiet ta' l-industrija marittima.

1.3. *Applikazzjoni*

Ir-rekwiżiti ta' dan il-Kodiċi jistgħu jiġu applikati għall-vapuri kollha.

1.4 *Rekwiżiti funzjonali għal sistema ta' amministrazzjoni tas-sigurtà (SMS)*

Kull kumpannija għandha tiżviluppa, timplimenta u żżomm sistema ta' amministrazzjoni tas-sigurtà (SMS) li tinkludi r-rekwiżiti funzjonali li ġejjin:

1.4.1. politika dwar is-sigurtà u l-protezzjoni ta' l-ambjent;

1.4.2. struzzjonijiet u proċeduri sabiex jiġi żgurat it-tħaddim sigur ta' vapuri u l-protezzjoni ta' l-ambjent skond il-leġislazzjoni rilevanti internazzjonali u dik ta' l-Istat tal-bandiera;

1.4.3. livelli definiti ta' awtorità u linji ta' komunikazzjoni bejn, u fost, persunal tax-xatt u abbord il-vapuri;

1.4.4. proċeduri għar-rapportar ta' inċidenti u non-konformitajiet mad-disposizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi;

1.4.5. proċeduri għat-tħejija u r-rispons għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza; u

1.4.6. proċeduri għal verifiki interni u revizzjonijiet amministrattivi.

2. **Politika dwar is-sigurtà u l-protezzjoni ambjentali**

2.1. Il-kumpannija għandha tistabbilixxi politika dwar is-sigurtà u l-protezzjoni ambjentali li tiddeskrivi kif l-għanijiet, mogħtija fil-paragrafu 1.2, ser jintlaħqu.

2.2. Il-kumpannija għandha tiżgura li l-politika tiġi implimentata u tibqa' tinżamm fil-livelli kollha ta' l-organizzazzjoni kemm abbord il-vapuri kif ukoll fuq ix-xatt.

3. Responsabbiltajiet u awtorità tal-kumpannija

- 3.1. Jekk l-entità li hija responsabbli għat-tħaddim tal-vapur m'hijiex is-sid, is-sid għandu jirrapporta l-isem sħiħ u d-dettalji ta' tali entità lill-amministrazzjoni.
- 3.2. Il-kumpannija għandha tiddefinixxi u tiddokumenta r-responsabbiltà, l-awtorità u l-interrelazzjoni tal-persunal kollu li jamministra, iwettaq u jivverifika xogħol relatat ma', u li jaffettwa, s-sigurtà u l-prevenzjoni tat-tniġġis.
- 3.3. Il-kumpannija hija responsabbli biex tiżgura li jkun hemm provvista adegwata ta' riżorsi u sostenn minn fuq ix-xatt sabiex il-persuna jew il-persuni magħżula jkunu jistgħu jwettqu l-funzjonijiet tagħhom.

4. Persuna/i magħżula

Sabiex jiġi żgurat it-tħaddim sigur ta' kull vapur u sabiex jiġi pprovdut kollegament bejn il-kumpannija u dawk abbord, kull kumpannija, skond kif jixraq, għandha tagħżel persuna jew persuni fuq ix-xatt li jkollhom aċċess dirett għall-ogħla livell ta' amministrazzjoni. Ir-responsabbiltà u l-awtorità tal-persuna jew persuni nominati għandhom jinkludu s-sorveljanza ta' l-aspetti tas-sigurtà u tal-prevenzjoni tat-tniġġis tat-tħaddim ta' kull vapur u li jiżgura(w) li jiġu applikati riżorsi adegwati u sostenn ibbażat fuq ix-xatt, kif meħtieġ.

5. Responsabbiltà u awtorità tal-kaptan

- 5.1 Il-kumpannija għandha tiddefinixxi u tiddokumenta b'mod ċar ir-responsabbiltà tal-kaptan fir-rigward ta':
- 5.1.1. l-implimentazzjoni tal-politika ta' sigurtà u ta' protezzjoni ta' l-ambjent tal-kumpannija;
- 5.1.2. li l-ekwipaġġ jiġi mmotivat fl-osservanza ta' dik il-politika;
- 5.1.3. il-ħruġ b'mod ċar u sempliċi ta' ordnijiet u struzzjonijiet xierqa;
- 5.1.4. li jiġi verifikat li ħtiġiet speċifikati jiġu osservati; u
- 5.1.5. li jirrevedi l-SMS u jirrapporta n-nuqqasijiet tagħha lill-amministrazzjoni bbażata fuq ix-xatt.
- 5.2. Il-kumpannija għandha tiżgura li l-SMS imħaddma abbord il-vapur ikun fiha dikjarazzjoni ċara li tenfasizza l-awtorità tal-kaptan. Il-kumpannija għandha tistabbilixxi fl-SMS li l-kaptan għandu l-awtorità 'l fuq minn kollox u r-responsabbiltà li jieħu deċiżjonijiet fir-rigward tas-sigurtà u tal-prevenzjoni tat-tniġġis u li jitlob l-għajjnuna tal-kumpannija hekk kif jista' jkun meħtieġ.

6. Riżorsi u persunal

- 6.1. Il-kumpannija għandha tiżgura li l-kaptan:
- 6.1.1. ikun ikkwalfikat kif suppost biex jikkmanda;
- 6.1.2. ikun jaf tajjeb l-SMS tal-kumpannija; u
- 6.1.3. jingħata s-sostenn meħtieġ sabiex id-dmirijiet tal-kaptan ikunu jistgħu jitwettqu mingħajr periklu.
- 6.2. Il-kumpannija għandha tiżgura li kull vapur ikollu baħħara kkwalifikati, iċċertifikati u medikament f'saħħithom skond il-ħtiġiet nazzjonali u internazzjonali.

- 6.3. Il-kumpannija għandha tistabbilixxi proċeduri sabiex tiżgura li persunal ġdid u persunal trasferit għal kompiti ġodda relatati mas-sigurtà u l-protezzjoni ta' l-ambjent jingħataw familjarizzazzjoni xierqa mad-dmirijiet tagħhom.

L-istruzzjonijiet li għandhom jiġu pprovduti qabel it-tbajhir għandhom jiġu identifikati, dokumentati u mogħtija.

- 6.4. Il-kumpannija għandha tiżgura li l-persunal kollu involut fl-SMS tal-kumpannija jkun jifhem b'mod adegwat ir-regoli, ir-regolamenti, il-kodiċi u l-linji gwida rilevanti.

- 6.5. Il-kumpannija għandha tistabbilixxi u żżomm proċeduri għall-identifikazzjoni ta' kwalunkwe taħriġ li jista' jkun meħtieġ għas-sostenn ta' l-SMS u sabiex jiġi żgurat li tali taħriġ jingħata lill-persunal kollu kkonċernat.

- 6.6. Il-kumpannija għandha tistabbilixxi proċeduri li bihom il-persunal tal-vapur jirċievi informazzjoni rilevanti dwar l-SMS f'lingwa jew lingwi ta' xogħol li huma jifhemu.

- 6.7. Il-kumpannija għandha tiżgura li l-persunal tal-vapur ikun jista' jikkomunika b'mod effettiv waqt il-qadi tad-dmirijiet tiegħu relatati ma' l-SMS.

7. **Żviluppi ta' pjani għal operazzjonijiet abbord**

Il-kumpannija għandha tistabbilixxi proċeduri għat-tħejija ta' pjani u struzzjonijiet, inklużi listi ta' kontroll skond il-każ, għal operazzjonijiet ewlenin abbord li jikkonċernaw is-sigurtà tal-vapur u l-prevenzjoni tat-tniġġis. Id-diversi kompiti involuti għandhom jiġu definiti u assenjati lil persunal ikkwalifikat.

8. **Stat ta' tħejija għall-emerġenzi**

- 8.1. Il-kumpannija għandha tistabbilixxi proċeduri sabiex tidentifika, tiddeskrivi u tirrispondi għal sitwazzjonijiet potenzjali ta' emerġenza abbord il-vapur.

- 8.2. Il-kumpannija għandha tistabbilixxi programmi ta' drills u eżerċizzji sabiex tħejji għal azzjonijiet ta' emerġenza.

- 8.3. L-SMS għandha tipprevedi miżuri li jiżguraw li l-organizzazzjoni tal-kumpannija tista' tirrispondi fi kwalunkwe ħin għal perikli, inċidenti u sitwazzjonijiet ta' emerġenza li jinvolvu l-vapuri tagħha.

9. **Rapporti u analiżi ta' non-konformitajiet, inċidenti u okkorrenzi perikolużi**

- 9.1. L-SMS għandha tinkludi proċeduri li jiżguraw li non-konformitajiet, inċidenti u sitwazzjonijiet perikolużi jiġu rrapportati lill-kumpannija, investigati u analizzati bl-għan li tiġi mtejbja s-sigurtà u l-prevenzjoni tat-tniġġis.

- 9.2. Il-kumpannija għandha tistabbilixxi proċeduri għall-implimentazzjoni ta' azzjoni korrettiva.

10. **Manutenzjoni tal-vapur u tat-tagħmir**

- 10.1. Il-kumpannija għandha tistabbilixxi proċeduri biex tiżgura li l-vapur jinżamm f'konformità mad-disposizzjonijiet tar-regoli u r-regolamenti rilevanti u ma' kwalunkwe rekwiżiti addizzjonali li jistgħu jiġu stabbiliti mill-kumpannija.

- 10.2. Sabiex tissodisfa dawn il-ħtiġiet il-kumpannija għandha tiżgura li:

- 10.2.1. isiru spezzjonijiet f'intervalli adattati;

- 10.2.2. kwalunkwe non-konformità tiġi rrapportata bil-kawża possibbli tagħha, jekk tkun magħrufa;

10.2.3. tittieħed azzjoni korrettiva xierqa; u

10.2.4. tinżamm reġistrazzjoni ta' dawn l-attivitajiet.

10.3. Il-kumpannija għandha tistabbilixxi proċeduri fl-SMS sabiex jiġu identifikati t-tagħmir u s-sistemi tekniċi li l-waqfien għall-għarrieda tagħhom jista' jirriżulta f'sitwazzjonijiet perikolużi. L-SMS għandha tipprevedi miżuri speċifiċi bl-għan li jippromwovu l-affidabbiltà ta' tali tagħmir jew sistemi. Dawn il-miżuri għandhom jinkludu testijiet regolari ta' arranġamenti ta' riżerva u ta' tagħmir jew ta' sistemi tekniċi li m'humiex fużu kontinwu.

10.4. L-ispezzjonijiet imsemmija f'10.2 kif ukoll il-miżuri msemmija f'10.3 għandhom jiġu integrati fir-rutina/manutenzjoni tat-tħaddim tal-vapur.

11. Dokumentazzjoni

11.1. Il-kumpannija għandha tistabbilixxi u żżomm proċeduri sabiex tikkontrolla d-dokumenti u d-data kollha, li huma rilevanti għall-SMS.

11.2. Il-kumpannija għandha tiżgura li:

11.2.1. dokumenti validi jkunu disponibbli fil-postijiet rilevanti kollha;

11.2.2. bidliet fid-dokumenti jiġu riveduti u approvati mill-persunal awtorizzat; u

11.2.3. dokumenti li m'għadhomx jintużaw jitneħħew minnufih.

11.3. Id-dokumenti użati biex jiddeskrivu u jimplimentaw l-SMS jistgħu jissejħu bħala l-"manwal ta' l-amministrazzjoni tas-sigurtà". Id-dokumentazzjoni għandha tinżamm f'forma li l-kumpannija tqis l-aktar effettiva. Kull vapur għandu jgħorr abbord id-dokumentazzjoni kollha rilevanti għal dak il-vapur.

12. Verifika, reviżjoni u valutazzjoni tal-kumpannija

12.1. Il-kumpannija għandha twettaq verifiki interni tas-sigurtà biex tivverifika jekk l-attivitajiet tas-sigurtà u tal-prevenzjoni tat-tniġġis jikkonformawx ma' l-SMS.

12.2. Perjodikament, il-kumpannija għandha tivvaluta l-effikaċja u meta jkun meħtieġ tirrevedi l-SMS skond proċeduri stabbiliti mill-kumpannija.

12.3. Il-verifiki u l-azzjonijiet korrettivi possibbli għandhom jitwettqu skond proċeduri dokumentati.

12.4. Il-persunal li jwettaq il-verifiki għandu jkun indipendenti mill-oqsma li jkunu qed jiġu verifikati sakemm dan ma jkunx imprattikabbli minħabba d-daqs u n-natura tal-kumpannija.

12.5. Ir-riżultati tal-verifiki u r-reviżjonijiet għandhom jinġiebu għall-attenzjoni tal-persunal kollu li jkollu responsabbiltà fil-qasam involut.

12.6. Il-persunal ta' l-amministrazzjoni responsabbli mill-qasam involut għandu jieħu azzjoni korrettiva f'waqtha dwar nuqqasijiet li jinstabu.

PARTI B – ĊERTIFIKAZZJONI U VERIFIKA

13 **Ċertifikazzjoni u verifika perijodika**

- 13.1 Il-vapur għandu jitħaddem minn Kumpannija li jkun inħarġilha Dokument ta' Konformità jew Dokument Interim ta' Konformità skond il-paragrafu 14.1, rilevanti għal dak il-vapur.
- 13.2 Id-Dokument ta' Konformità għandu jinħareġ mill-Amministrazzjoni, minn organizzazzjoni rikonossuta mill-Amministrazzjoni jew, fuq it-talba ta' l-Amministrazzjoni, minn Gvern Kontraenti ieħor għall-Konvenzjoni lil kwalunkwe Kumpannija li tikkonforma mar-rekwiżiti ta' dan il-Kodiċi għal perijodu speċifikat mill-Amministrazzjoni li m'għandux ikun iktar minn ħames snin. Dokument bħal dan għandu jiġi aċċettat bħala prova li l-Kumpannija hija kapaċi tikkonforma mal-ħtiġiet ta' dan il-Kodiċi.
